MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1/2003

**Anthony Chetcuti u martu Anna**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Lulju, 2003 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Decizjoni appellata:-

*"L-applikazzjoni tieghek ghall-Ghajnuna Medika fi flus giet mistharga u nstab li m'intix intitolat ghal din l-Ghajnuna ghaliex skond l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitlu 318):-*

*Iddisponejt ruhek mill-mezzi finanzjarji li kont tipposjedi biex tkun elegibbli li tircievi l-Ghajnuna tal-Mard*."

L-appell:-

"*Jiena u l-mara tieghi applikajna ghal tal-mard (SKA). It-tnejn ghaddejna mill-Bord Mediku, pero` id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali qieghed jghid li ahna m'ahniex elegibbli billi hemm kwistjoni fuq xi flus li kellna tat-tifel u l-gharusa tieghu. Dan il-kaz taghna sar fl-2001 u wara huwa zzeweg u kellu bzonn flusu u flus it-tfajla.*

*Forsi tistaqsi ghaliex it-tifel ma poggiex il-flus fuqu. Dan sar billi t-tifel kellu xi problemi mal-familja taghha billi harigha tqila. Ghalhekk zammejthom jien.*

*Nispera li tifhem il-kaz taghna*."

Risposta tad-Direttur:-

"*1. Illi l-appellant ghamel talba ghall-Ghajnuna tal-Mard f'ismu u f'isem martu Anna fl-10/1/03.*

*2. Illi din it-talba ma gietx accettata minhabba li d-Direttur ghadu mhux sodisfatt li l-mezzi finanzjarji tieghu ma jeccedux dawk kif stabbiliti fl-Att dwar is-Sigurta` Socjali.*

*3. Illi dan hu dovut ghal fatt li fl-1999 hu kien inghata 'Gratuity' ta' aktar minn Lm10,000 mill-Maltacom, u li minnha kien ghamel xi donazzjonijiet lil ibnu Kenneth u l-gharusa tieghu.*

*4. Illi hawn ta' min isemmi li l-appellant kien gia ressaq appell iehor simili kontra d-decizjoni tad-Direttur (Appell – Ump 421/02) u li tieghu hawn hija annessa kopja tar-risposta tad-Direttur. (Dok. A).*

*5. Illi ladarba d-Dipartiment hu kostrett li ma jaccettax l-ebda forma ta' donazzjonijiet, id-Direttur rega' m'accettax it-talbiet ricenti tal-appellant ghall-Ghajnuna*

*tal-Mard, u fil-fatt infurmah bid-decizjoni negattiva tieghu fid-19/5/03.*

*6. Illi dan l-appell ma jqanqal ebda punt ta' ligi jew principju ta' mportanza u ghalhekk ghandu jigi michud.*"

Peress illi skond l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, ma hux konsentit illi persuna tikkwalifika ghal beneficcju socjali wara li tkun iddisponiet mill-mezzi finanzjarji taghha b'mod gratuwitu, l-Arbitru jichad dan l-appell."

Il-konjugi Chetcuti appellaw minn din id-decizjoni ta' l-Arbitru bl-aggravju illi fil-parametri tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap 318) huma kienu intitolati ghall-ghajnuna ghal mard kif mitlub minnhom billi ankorke kellu jittiehed qies tad-donazzjoni li ghamlu lil binhom l-assi taghhom ma kienux jeccedu l-iskala ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) prefissa mil-ligi ghall-ghoti ta' ghajnuna bhal din.

Id-Direttur appellat wiegeb ghal dan l-aggravju billi ssottometta illi l-appellanti ma ssodisfawx ir-rekwiziti tal-ligi u li inoltre huwa kien gustifikat jichad it-talba taghhom kemm ghar-raguni ta' evidenza konfliggenti kemm ghal motiv illi l-appellanti kienu ddisponew minn mezzi finanzjarji li kienu jipposjedu.

Issa mill-kontenut tar-rikors tal-appell taghhom l-argoment tal-appellanti hu msejjes fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:-

i. Id-donazzjoni lil binhom saret fis-sena 2000 (aktar 'il quddiem isemmu s-sena 2001) mentri t-talba taghhom ghall-ghajnuna saret fl-2003.

ii. Meta huma ghamlu din id-donazzjoni ma kienux qatt setghu jipprevedu li fi zmien sentejn huma kien jenhtiegilhom iressqu talba ghall-beneficcju socjali.

iii. Fic-cirkostanzi tal-hajja l-fatti graw kif graw u qatt ma kienet il-mira taghhom li jiffrodaw lid-Dipartiment bit-talba ghall-ghajnuna sottomessa minnhom.

Huwa car minn ezami tal-inkartament quddiem l-Arbitru illi l-appellanti lanqas issa in sede appell ma taw il-kwadru korrett tas-sitwazzjoni. Dan qed jigi rilevat in kwantu mill-esposizzjoni tal-fatti elenkati mid-Direttur appellat fir-risposta tieghu ghall-appell tal-konjugi Chetcuti quddiem l-Arbitru jirrizultaw ukoll dawn l-antecedenti:-

1. It-talba ghall-ghajnuna medika taf il-bidu taghha lill-applikazzjoni tal-appellanti tal-15 ta’ Settembru 1999;

2. F’kull wahda mit-tliet talbiet taghhom dejjem ghall-istess forma ta’ ghajnuna l-appellanti ma tawx il-kwadru shih tal-assi kapitali taghhom u la gabu prova sodisfacenti tal-gratuity ricevuta mill-Maltacom u dippju hawwdu wkoll fil-figura allegatament imhallsa lilhom bhala gratuity, kif ukoll fil-figura li allegatament inghatat lit-tifel b’donazzjoni. Dan kollu fil-kors bejn talba u ohra.

3. Kull wahda minn dawn it-tliet talbiet giet rifjutata mid-Direttur.

Ghall-fini tad-determinazzjoni tal-jedd vantat mill-appellanti kellu jkun desumibbli anke minnhom illi l-ewwel ostakolu li kien jenhtiegilhom jissorvolaw kien dak li jikkonvincu lid-Direttur dwar il-haqq u l-gustizzja tat-talba taghhom. Dan kellhom jaghmluh permezz ta’ provi certi u inekwivoci, minghajr loghob fil-figuri jew habi tal-vera konsistenza tal-assi taghhom. Kien proprju d-Direttur l-ewwel arbitru tat-talba u fl-isfond allura tal-attribuzzjonijiet u l-poteri lilu vestiti mil-ligi kien dan li kellu jassikura jekk it-talba kienetx verament fondata u taspirax ghall-verita`. Fil-kaz in ezami din il-prova nkombenti fuq l-appellanti ma jidherx li saret, jew ghallanqas ma saretx sal-grad ragonevoli li tipperswadi lid-Direttur appellat.

Hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi mill-imgieba tal-appellanti f’dan il-kaz ma ssib li gie additat l-ebda motiv serju li kapaci jikkonvinciha tallontana ruhha mid-decizjoni tad-Direttur appellat fuq ir-rizultanzi fattwali. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tistharreg lil hinn mill-operat tad-Direttur. Dan anke ghaliex ma ngieb l-ebda argoment

validu la quddiem l-Arbitru, u wisq anqas quddiem din il-Qorti, illi fic-cirkostanzi ta' fatt ottenibbli fl-inkartament l-operat tad-Direttur kien gravament zbaljat jew irragonevoli.

Certament, imbaghad, fl-opinjoni ta' din il-Qorti mhux konsentit lil hadd illi taht skuza jew ohra jqieghed ruhu f'sitwazzjoni, anke kieku stess mhux sempliciment simulata, ta' minorata solvibilita' apparenti biex minn fuq jippretendi b'jedd l-ezercizzju tad-drittijiet favur tieghu bis-semplici invokazzjoni tal-ligi li turi x'inhi l-iskala li kellha tiggwida lil min kellu jipprestalu l-beneficcju. Din certament mhiex imgieba ta' 'bonus pater familias' li hu kellu maggorment ihares u josserva gjaladarba f'dawn id-dati kazijiet hemm involut l-interess tal-komunita` in generali u ta' dawk kollha fis-socjeta` li jgorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali.

L-aggravju tal-appellanti ma jistax ghalhekk ma jitqiesx ghal kollox ingustifikat.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell domandanti r-revoka tad-decizjoni appellata tal-Arbitru u fis-sens premessi tikkonferma l-istess decizjoni, bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------